MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 2711/1996/1

**Stephanie Spiteri proprio u bhala legittima rappreżentanti ta' uliedha minuri Bettina u Gabriella, u b'digriet tat-3 ta' Frar 2012 kunjom l-attrici gie mibdul minn Spiteri ghal Portelli Borg**

**v.**

**Kevin Spiteri u b'nota tal-4 ta' Mejju 1999 John Spiteri assuma l-atti tal-konvenut assenti Kevin Spiteri**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fil-25 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet, *inter alia*, billi: iddikjarat li l-konvenut kien responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg; ordnat lill-istess konvenut ihallas lill-attrici manteniment fl-ammont mensili ta' mitejn u sittin Euro (€260) ghal Gabriella, tifla minuri tal-partijiet u affdat il-kura u kustodja tal-istess minuri lill-attrici; ordnat l-applikazzjoni tal-Artikoli 48 u 62 tal-Kap. 16 fil-konfront tal-konvenut; ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u llikwidat l-istess fl-ammont komplessiv ta' disghin elf Euro (€90,000); bl-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-istess konvenut.

**Profil tal-Fatti**

**2.** Il-partijiet izzewwgu fis-sena 1990[1] u matul dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, Bettina llum maggorenni u Gabriella li ghadha minorenni, u li fiz-zmien

[1] Certifikat taz-zwieg mhux ezebit

tal-prezentata tac-citazzjoni fit-12 ta' Settembru 1996, kellhom Bettina 4 snin, u Gabriella 4 xhur[2].

**3.** Fis-sena 1992 l-attrici, bl-ghajnuna ta' ommha, li hi spizjara, fethet spizerija bl-isem *San Lucian Pharmacy* f'Marsascala fejn ommha wkoll kellha spizerija. Il-gestjoni tal-ispizerija kienet f'idejn il-konvenut li min-naha tieghu kien jistokkja l-ispizerija mill-prodotti li fil-maggor parti taghhom kien igib mill-ispizerija ta' omm l-attrici. Jirrizulta li l-ispizerija San Lucian inghalqet f'Awwissu 1995, u skont John Spiteri, missier il-konvenut, dan kien ha l-ahhar stokk li kien fadal fid-dar matrimonjali f'Hal Balzan, proprjeta` parfernali tal-genituri tal-konvenut, u poggieh go kamra hemmhekk.

**4.** Ir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partjiiet iddeterjorat fi zmien qasir, u fis-sena 1996 il-konvenut abbanduna d-dar konjugali u telaq lejn il-Germanija fejn kompla bir-relazzjoni extramatrimonjali ma' mara Germaniza. Jirrizulta pacifiku li minn meta telaq lejn il-Germanja, il-konvenut ma kellux kuntatt aktar, la ma' martu u lanqas ma' uliedu, u minn dak iz-zmien qatt ma hallas manteniment ghal uliedu. Fis-sena 1997 l-attrici telqet minn dan il-fond peress li kienet ghadha kemm welldet it-tieni wild, u allegatament il-post kien gie rez inabitabbli mill-konvenut.

---

[2] Certifikati tat-twelid mhux ezebiti

**5.** Fil-mori tal-proceduri z-zwieg ta' bejn il-partijiet gie dikjarat null mit-tribunali ekklezjastici, u dan l-annullament gie registrat fir-Registru Pubbliku wara digriet moghti minn din il-Qorti fit-2 ta' Mejju 2006.

**6.** Illum 'il gurnata, filwaqt li l-konvenut ghadu jirrisjedi l-Germanja mal-habiba tieghu, l-attrici regghet izzewwget.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**7.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet. Il-parti relevanti ghal dan l-appell taqra hekk:

> "Li din hija kawża solita ta' separazzjoni li damet is-snin għaddejja minħabba n-nuqqas ta' interess li ħa l-konvenut fiha u anke minħabba l-fatt li huwa telaq minn Malta u mar jgħix barra; *nonostante* d-diversi opportunitajiet li tatu l-Qorti baqa' ma ressaqx provi ħlief ix-xhieda tiegħu bl-affidavit u dawk tal-familja immedjata tiegħu. Anzi naqas li jidher diversi drabi sabiex isirlu l-kontro-eżami.
>
> "Illi fil-verita' wieħed ma jistax jimmaġina xi provi seta' jressaq għaliex jidher ċar illi huwa kkommetta adulterju fil-kors taż-żwieġ tiegħu mal-attriċi; dan huwa evidenti mill-provi li ressqet l-attriċi u d-dokumenti esebiti minnha. Kif dejjem irritenew il-Qrati tagħna, l-adulterju dejjem kien ikkunsidrat bħala l-aktar raġuni serja għal separazzjoni.
>
> "Illi importanti wkoll il-fatt li matul il-kawża ġie pronunzjat l- annullament taż-żwieġ bejn il-partijiet u allura ċerti provvedimenti ma għadx hemm lokhom.

“- - Omissis - -

“Illi l-attriċi tiffonda l-bażi ġudizzjarja tagħha fuq il-fatt li l-ħajja konjugali tal-kontendenti kienet saret impossibbli għar-raġunijiet imputabbli lil żewġha ta' adulterju, sevizzi, moħqrija, minaċċi, nsulti u nġurji gravi, b'dan ukoll li minħabba dan l-atteġġjament illegali tiegħu lejn l-attriċi u wliedu, il-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibbli u ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment.

“Illi naturalment jekk xi waħda minn dawn il-motivi tissussisti dan ikun biżżejjed biex t-talba prinċipali tal-attriċi – dik tal-firda personali – tiġi akkolta.

“Illi issa,

> *““... l' incompatibilita' di carattere non costituisce motivo per cui la legge accorda il diritto alla separazione personale, pure la stessa non puo' non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravita' delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione[3].”*
>
> “Illi f'din l-istess deċiżjoni, ġie aġġunt inoltre illi *“un contegno di indifferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale”*.

“Illi adoperat dan ir-raġunament għal każ partikolari hawn eżaminat għandu jibbasta biex jikkonvinċi li l-azzjoni attriċi hi bażata fuq motiv ġust. Biex jingħad kollox, teżisti ġustifikazzjoni wkoll tal-fatt tal-abbandun: *“quando si effettuasse e si prolungasse senza giusta causa. La persistenza e la continuita` in tal caso, anzi, attribuirebbero all'abbandono un carattere ingiurioso[4].”*

[3] **Marianna Attard v. Achille Attard**, deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Civili, fis-16 ta' Novembru 1932, Vol. XXVIII P II p 298.

[4] **Emmanuela Coleiro v. Lorenzo Cutajar**, deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Civili, fil-15 ta' Jannar 1925, Vol. XXVI P II p 9.

"Illi effettivament dan il-karattru inġurjuż konsegwit bl-abbandun għandu wkoll sapur ta' moħqrija meta l-mara u l-ulied jitħallew bla manteniment u dawn ikunu kostretti li għas-sussistenza tagħhom jirrikorru għall-għajnuna soċjali.

"Illi fl-affidavits rispettivi tagħhom, omm l-attriċi, Carmelina Borg[5], u l-familjari tagħha, David Cefai[6] u Angela Farrugia[7], kif ukoll ix-xhieda l-oħra, terzi ghall-kontendenti bħar-Rappreżentant tal-ETC[8] u Rappreżentant ta' Micallef Car Centre[9] isostnu l-verżjoni tal-attriċi.

"Illi min-naħa l-oħra missier il-konvenut u l-familjari tiegħu jippruvaw ipinġuh bħala tifel mingħajr ebda esperjenza, verżjoni inverosimili u li għandha mill-inveritier meta wieħed jikkonsidra l-adulterju tiegħu waqt iż-żwieġ u l-fatt li kien kapaċi jibni ħajja oħra fl-esteru u anke jaħdem bi profitt fl-esteru u konsiderando wkoll l-indifferenza totali tiegħu lejn iż-żewġ uliedu, kif ukoll in-nuqqas ta' interess fil-proċeduri odjerni li għandhom ukoll minn disrispett u arroganza fil-konfront tal-istess Qorti hekk kif il-konvenut injora l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti u baqa' ma deherx quddiemha sabiex isirlu l-kontro-eżami.

"Illi jiġi notat ukoll illi fl-affidavit tiegħu l-konvenut la żmentixxa diskors martu dwar l-attribuzzjoni fil-konfront tiegħu ta' infedelta` lejha u lanqas tar-relazzjoni extra-konjugali tiegħu mal-imsemmija Anke Busch. U anke li kieku, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-attriċi ppruvat l-eżistenza ta' tali infedelta ampjament bil-provi minnha mressqa, liema provi inkluż id-djarju tal-konvenut minnha prodott ma ġiex żmentit jew miċħud mill-konvenut u lanqas ribattut.

"Illi *in oltre* l-allegazzjonijiet magħmula mill-konvenut u l-familjari tiegħu fil-konfront tal-attriċi ma ġewx ippruvati u għalhekk jibqgħu biss allegazzjonijiet.

"Illi evalwati l-provi u l-verżjonijiet attendibbli fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jidhirx li jista' jkun hemm dubju illi fiċ-ċirkostanzi tal-fatti fuq imsemmija l-konvenut għandu l-kolpa maġġuri għat-tifrik taż-żwieġ.

---

[5] Folio 18 tal-proċess.
[6] Folio 70 tal-proċess.
[7] Folio 72 tal-proċess.
[8] Folio 76 tal-proċess.
[9] Folio 76 et seq. tal-proċess.

"Illi issa kif paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna l-liġi tqiegħed bħala motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali u mhux inċidenti minuri[10], kif ċertament tikkwalifika l-assenza kontinwa tal-konvenut mill-ħajja matrimonjali u l-abbandun mhux biss ta' martu iżda wkoll ta' wliedu konsegwenza ta' tali assenza.

"TALBIET OĦRA

"Illi jirriżulta li t-tifla l-kbira Bettina illum hija maġġorenni iżda Gabriella għadha minuri u għalhekk għad hemm lok għal provvediment fir-rigward tagħha. Il-Qorti kwindi se tordna ħlas ta' manteniment għaliha.

"- - Omissis - -

"Illi l-artikoli 38 u 41 imsemmija f'dan l-artiklu jsemmu adulterju u abbandun rispettivament. Ma hemmx dubju allura kif ingħad li f'dan ir-rigward l-attriċi għandha raġun titlob l-applikazzjoni tiegħu.

"Illi kwantu għall-komunjoni tal-akkwisti l-attriċi ressqet diversi provi li l-konvenut ha għalih diversi oġġetti u biegħom lil terzi. Diffiċli għall-Qorti li tasal għal somma preċiża u għalhekk se takkorda ħlas *arbitrio boni viri*. Il-Qorti jidhrilha li nvista tal-provi prodotti s-somma għandha tkun ta' disgħin elf Ewro (€90,000) kompriżi sehem l-attriċi mill-istokk tal-ispiżerija li l-konventu ħa u biegħ. Mill-bqija llum il-ġurnata ma hemm xejn x'jinqasam u anke d-dar matrimonjali llum ma baqgħetx f'idejn l-attriċi peress li issa miżżewġa lil ħaddieħor u tgħix band'oħra. Ma jidhirx li kien hemm proprjeta' immobbli mixtrija fiż-żwieġ."

## L-Appell

[10] **Caterina Agius v. Benedict Agius**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-13 ta' Ġunju 1967.

**8.** Fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab r-riforma tas-sentenza appellata fis-sens indikat fl-aggravji tieghu, u li l-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-attrici.

**9.** Min-naha taghha l-attrici fir-risposta taghha indikat ir-ragunijiet ghaliex l-aggravji m'ghandhomx jintlaqghu, u talbet li l-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-konvenut.

**10.** Il-konvenut isejjes l-appell tieghu fuq erba' aggravji li jirrigwardjaw is-segwenti aspetti tas-sentenza: [1] il-htija ghas-separazzjoni, [2] il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; [3] il-manteniment; [4] l-ispejjez gudizzjarji.

*L-ewwel aggravju*

**11.** Dan hu fis-sens li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg kienet tirrisjedi fuq l-attrici u mhux fuq il-konvenut kif ddecidiet l-ewwel Qorti. Fl-aggravju tieghu l-konvenut, filwaqt li jaghmel referenza ghan-nota tas-sottomissjonijiet tieghu, jissenjala s-segwenti fatturi li fil-fehema tieghu kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti ghal konkluzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha.

**12.** Il-fatturi indikati minnu fl-aggravju huma s-segwenti: li kienet omm l-attrici li kienet ostakolat ir-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet billi *"ghamlet minn kollox biex tfixkel u tivvanta pretensjonijiet bla bazi u infondati fil-fatt u fid-dritt, u topponi bil-qawwa ghal tali rikonciljazzjoni"*; li l-attrici, minkejja mitluba biex tipprova l-allegazzjoni taghha li l-konvenut kien igorr arma tan-nar, naqset milli tressaq prova fir-rigward, filwaqt li din l-arma lanqas instabet mill-pulizija li kienu agixxew fuq rapport maghmul minnha; li l-ewwel Qorti *"ma tatx l-opportunita` lill-appellant jaghmel il-kontro-ezami necessarju fuq dokumentazzjoni prezentata mill-appellata u dan minkejja li l-appellata kienet ilha li ghalqet il-provi"*; li l-ewwel Qorti awtorizzat lill-attrici tipprezenta dokumentazzjoni wara li kienet iddikjarat maghluqa l-provi taghha, liema dokumentazzjoni setghu gew prezentati fl-istadju aktar bikri tal-proceduri u fil-fazi tal-gbir tal-provi tal-attrici; li l-attrici inghatat mill-anqas tliet [3] snin sabiex tipprezenta d-dokumenti[11] mitluba mill-konvenut li matulhom hija naqset li tipprezenta d-dokumenti rikjesti minnha u ghal uhud mis-seduti hija lanqas biss deheret ghall-kontro-ezami; li, filwaqt li l-attrici, li tghix Malta, inghatat hames [5] snin sabiex tikkonkludi l-provi taghha, huwa inghata biss tliet [3] opportunitajiet biex isir il-kontro-ezami tieghu, u dan meta l-konvenut jghix il-Germanja.

**13.** Rigward il-kontenut tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li ghaliha l-konvenut ghamel referenza f'dan l-aggravju, il-konvenut jallega li l-attrici ma

[11] Rigwardanti l-pozizzjoni finanzjarja annwali tal-ispzerija.

kinitx tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja; li r-ragel li issa zzewwget l-attrici kien ilu habib maghha qabel mal-partijiet izzewwgu; li hu *"jissuspetta li t-tarbija [tieni wild] mhijiex tieghu"*, apparti l-fatt li hi kienet qaltlu li t-tifla minuri ma kinitx tieghu, wkoll jghid li hu qatt ma ha azzjoni biex inehhi lill-minuri minn fuq ismu ghaliex hass li dan ma kienx ta' gid ghall-minuri; li kienet l-attrici li kienet determinata li tmur tghix mat-tfal f'Birzebbuga; il-konvenut jichad li kellu relazzjoni extra-matrimonjali matul il-konvivenza mal-attrici, u jghid li hu kien iltaqa' mal-Germaniza *"aktar minn sena wara li l-partijiet isseparaw de facto"*; li hu ma riedx jaqta' l-kuntatt mat-tfal, u kienet l-attrici li impedietu milli jkollu kuntatt maghhom, u ghalhekk hu *"ma kien involut xejn fit-twelid u t-trobbija tat-[tieni wild] b'ghazla tal-attrici … anqas dritt ta' access m'ghandu ghal uliedu ... [u] .... llum lanqas biss jaf fejn qeghdin jghixu."*; l-attrici ma gabitx prova tal-allegazzjoni tieghu li hu kien heddidha u li kellu arma.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**14.** Fl-ewwel lok jigi osservat li fil-maggor parti tieghu l-aggravju fih innifsu jirreferi ghall-vertenzi ta' natura procedurali li huma estranei ghall-kwistjoni dwar ir-responsabbilita` ghas-separazzjoni, u din il-Qorti ser titrattahom aktar 'il quddiem f'dan il-gudizzju, fl-istadju relevanti.

**15.** Fit-tieni lok, il-konvenut naqas milli jipprova b'mod sodisfacenti li ghas-separazzjoni kienet tahti l-attrici, u l-fatti provati juru mod iehor. Ghalkemm jista' jinghad li kien hemm inkompatibbilita` ta' karattru bejn il-partijiet, forsi dovut ghall-fatt li l-attrici kienet seba' snin akbar minnu, izda jirrizulta ampjament provat li t-tifrik taz-zwieg kienet ir-relazzjoni extra-matrimonjali li l-konvenut dahal fiha matul il-konvivenza. Fir-rigward, ghalkemm fl-affidavit dettaljat tieghu l-konvenut jichad diversi allegazzjonijiet maghmula mill-attrici fil-konfront tieghu, izda dwar il-hbiberija jew relazzjoni li hu kellu u ghad ghandu mal-mara Germaniza fl-affidavit tieghu huwa ma jsemmi xejn. Jghid biss li matul iz-zwieg huwa dejjem kien fidil lejn martu. Izda, kif fuq gja` inghad, il-provi juru l-kuntrarju, tant li missier l-istess konvenut fid-depozizzjoni[12] tieghu in kontro-ezami jikkonferma li l-mara Germaniza hija *"il-partner tieghu"* [tal-konvenut], u ghad-domanda jekk il-konvenut ilux jghix maghha *"mindu telaq minn Malta u anke qabel"* ix-xhud jirrispondi fl-affermattiv.[13]

**16.** Barra minnhekk din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li kamra fid-dar matrimonjali kienet giet imbarrata. Dan jinsab konfermat minn Dr. David Cefai[14] [ir-ragel ta' oht l-attrici], u Angela Farrugia[15], iz-zija taghha. L-attrici tghid fl-affidavit taghha li f'dik il-kamra ghamlet xi zmien tghix il-habiba tal-

[12] Tat-13 April 2012 – foll.415
[13] Fol.417
[14] Fol.70
[15] Fol.73

konvenut, u hi ma kellhiex access ghal din il-kamra[16]. Dan ma giex michud mill-konvenut, ghalkemm fl-affidavit isostni li matul il-konvivenza kien baqa' fidil lejn martu.

**17.** Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta attribwiet il-htija kollha ghas-separazzjoni lill-konvenut. Kien il-konvenut li dahal f'relazzjoni extra-konjugali matul il-konvivenza u fis-sena 1996 abbanduna lill-attrici, li kellha tmien xhur tqala, biex mar jirrisjedi fil-Germanja mal-habiba tieghu. Mhux hekk biss, izda minn dakinhar li telaq mid-dar konjugali, huwa halla lill-attrici tfendi ghal rasha b'tifla ta' erba' snin, u wild iehor fil-guf ta' martu, u qatt ma ghadda lill-attrici manteniment ghat-tfal taghhom, lanqas biss ma ghamel tentattiv sabiex ikollu kuntatt maghhom.

**18.** Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li l-allegazzjoni tal-konvenut li hu kien gie impedit milli jaghmel kuntatt ma' u jkollu access ghal uliedu hija inverosimili u hija serjament imdghajjfa, anzi hi ghal kollox newtralizzata, bil-fatt li mill-atti ma jirrizulta li sar ebda rikors lil xi qorti sabiex ikollu access ghal uliedu. Li kieku verament il-konvenut ried jippartecipa fil-hajja ta' uliedu, seta' invoka l-ghajnuna tal-Qorti tal-Familja sabiex ikollu access, anke telefoniku jew tramite l-*internet*, ghat-tfal minuri tieghu, *multo magis* meta skont l-istess

[16] Fol.86

depozizzjoni missieru qal li l-konvenut gieli jigi Malta u jdum gimgha hawnhekk.

**19.** Mhux biss li l-konvenut ma talabx access ghal uliedu, izda talli minkejja li jghid li ghandu suspett li t-tieni wild mhijiex tieghu, hu ma ghamel xejn fir-rigward. Dan ifisser li mhux talli l-konvenut mhuwiex interessat li jerfa' r-responsabbilita` ta' missier fil-konfront taz-zewgt itfal, izda talli lanqas jinteressah jivverifika l-paternita` tat-tieni wild, haga li llum 'il gurnata hija facli li ssir permezz ta' testijiet xjentifici.

**20.** Rigward in-nuqqas tal-konvenut li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedu, missier il-konvenut jipprova jiggustifika l-agir ta' ibnu billi jghid *"Hu xtaq jibghat kulma titolbu imma hi qatt ma talbitu xejn."*[17] Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li fl-att tac-citazzjoni prezentat fis-sena 1996 jirrizulta li l-attrici talbet li l-konvenut jigi ordnat li jhallas manteniment ghal-uliedhom minuri, u ghalhekk hija fiergha l-allegazzjoni li l-attrici qatt ma talbet xejn minghand il-konvenut, daqs kemm hija fiergha l-allegazzjoni li hu xtaq jibghatilha kulma titolbu.

**21.** Fit-tieni lok il-Qorti tosserva li kemm id-dritt ta' access kif ukoll id-dritt tal-manteniment huma diretti lejn il-*benessere* tal-ulied minuri, u ghalhekk il-konvenut kellu u ghad ghandu l-obbligu li jikkontribwixxi ghat-trobbija u l-

[17] Ibid

edukazzjoni taghhom, kemm billi jkollu access adegwat b'mod li tinbena relazzjoni sana bejnu u bejn uliedu, kif ukoll finanzjarjament. Dan l-agir tal-konvenut fil-konfront ta' uliedu, u anke fil-konfront tal-attrici, ghandu karattru ingurjuz u fic-cirkostanzi jikkostitwixxi wkoll ingurja gravji a tenur tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.

**22.** Rigward l-allegazzjoni tieghu li hu ma kellux zmien bizzejjed sabiex iressaq il-provi tieghu, din il-Qorti f'dan l-istadju tghid biss li mill-provi jirrizulta li sa mill-udjenza tas-26 ta' Jannar 2013 l-ewwel Qorti kienet ordnatlu jidher sabiex isirlu l-kontro-ezami, izda dan naqas milli jaghmel hekk, u fl-24 ta' Mejju 2013 dik il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet. Ghalhekk m'hu minnu xejn li l-konvenut ma kellux l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu. Tant li l-konvenut kellu l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu li mill-atti jirrizulta li mis-sena 2003 huwa beda jipprezenta l-affidavits tieghu, u kellu l-opportunita` kollha li jkompli jressaq il-provi tieghu, anke kieku ried setgha jidher hu u jixhed *viva voce.* Din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-attrici hadet zmien twil hafna sabiex taghlaq il-provi taghha ma jintitolax lill-konvenut jippretendi li jinghata l-istess tul ta' zmien sabiex jressaq u jikkonkludi l-provi tieghu, dak li l-ewwel Qorti kienet obbligata li taghmel, u li fil-fatt ghamlet, kien li taghtih l-opportunita` shiha sabiex iressaq il-provi tieghu, u ghalhekk l-ilment tieghu f'dan ir-rigward huwa fieragh. Barra minn hekk din il-Qorti tosserva li hi ma tat ebda valur probatorju lid-dokumenti,

mhux konfermati bil-gurament, li l-attrici esebiet fl-istess udjenza li fiha l-kawza thalliet ghas-sentenza mill-ewwel Qorti.

**23.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament infondat.

*It-tieni aggravju*

**24.** Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti, ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' disghin elf Euro (€90,000) bhala s-sehem dovut lill-attrici mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

> "In kwantu ghall-komunjoni tal-akkwisti l-attrici ressqet diversi provi li l-konvenut ha ghalih diversi oggetti u bieghhom lil terzi. Difficli ghall-Qorti li tasal ghal somma preciza u ghalhekk ser takkoda hlas *arbitrio boni viri*. Il-Qorti jidhrilha li nvista tal-provi prodotti s-somma ghandha tkun disghin elf ewro [€90,000] komprizi sehem l-attrici mill-istokk tal-ispizerija li l-konvenut ha u biegh."

**25.** Dan l-aggravju huwa principalment dirett lejn l-istokk li kien fl-ispizerija gestita mill-konvenut u li kien ghad fadal meta inghalqet l-ispizerija.

**26.** Il-konvenut jissottometti li, ghalkemm il-qrati ghandhom il-fakolta` li jillikwidaw dak dovut minn parti lill-ohra, kemm bhala danni kif ukoll bhala konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, izda l-Qorti *"m'ghandhiex tinqeda b'din*

*is-setgha biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' xi parti jew ohra li tressaq il-provi li setghet tressaq u li ma kien hemm xejn xi jzomm milli tressaqhom".*

**27.** Huwa jghid li d-dokument[18] prezentat minn omm l-attrici tal-oggetti appartenenti lilha u li allegatament ittiehdu mill-konvenut *"ma tfisser xejn, [u] apparti l-fatt li ma tinqarax, ma [hemm] ebda valur indikat ta' ebda [wiehed] mill-oggetti."*

**28.** Dwar l-allegazzjoni attrici li l-konvenut ha madwar tletin elf Lira Maltija (Lm30,000) valur ta' stokk mill-ispizerija, jghid li din l-allegazzjoni ma giet provata b'ebda mod. Ukoll, huwa inverosimili li tallega li spizerija hija falluta, u fl-istess hin tghid li ghandha ma tletin elf Lira Maltija (Lm30,000) stokk.

**29.** Dwar il-*quantum* tal-istokk allegatament mehud u mibjugh mill-konvenut, dan jaghmel referenza ghall-prospett prezentat mill-attrici, wara li kienu nzammu diversi seduti ghal dan il-ghan u li fihom ma sar xejn minhabba nuqqas tal-attrici fir-rigward, u jghid li l-kopji fotostatici tal-istokk prezentati mill-attrici f'Gunju 2008 *"ma jistghu jfissru xejn; mhumiex ircevuti, mhux guramentati, mhux ikkonfermati minghand xi agent jew terza persuna."* Fir-rigward il-konvenut ikompli jghid hekk:

[18] Fol.31E

> "... rigward dan l-istokk u l-allegazzjonijiet maghmula, u minkejja li l-appellata nghatat diversi opportunijiet biex tipprova l-pozizzjoni taghha, kulma ezebiet kienu listi ta' stokk li allegatament dahal f' din l-ispizerija sena wara l-ohra. Fil-fatt dawn il-listi huma mqasuma ghas-snin 1992, 1993, 1994 u 1995, jigifieri dak li allegatament dahal bhala stock fl-ispizerija fuq medda ta' 4 snin."

**30.** Ikompli jghid li l-prospett prezentat mill-attrici ma jistax jitqies bhala prova ta' x'kien hemm stokk f'mument partikolari peress li dan ma jurix l-istokk li kien inbiegh fiz-zmien li l-ispizerija kienet qed tigi gestita, u fl-assenza tal-provi rikjesti mill-konvenut sabiex tinghata stampa korretta tal-istokk li eventwalment kien ghad fadal meta nghalqet l-ispizerija l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghal ammont *arbitrio boni viri* daqstant ezorbitanti meta l-attrici kellha l-opportunita` kollha li tressaq il-provi mehtiega biex tigi sostnuta l-allegazzjoni taghha li dan kien jammonta ghal tletin elf Lira Maltija (Lm30,000).

**31.** Apparti minn hekk, l-attrici fir-rigward daqqa tindika l-ammont ta' tletin elf Lira Maltija (Lm30,000) [disgha u sittin elf u disa' mitt Euro (€69,900)] u daqqa tindika l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm25,000) [tmienja u hamsin elf, mitejn u hamsin Euro (€58,250)] izda fiz-zewg kazijiet dawn ma jlahhqux is-somma ta' disghin elf Euro (€90,000).

**32.** Ikompli jghid li skont kif mistqarr mill-attrici fix-xhieda[19] taghha, ma kienux jinzammu kontijiet *[accounts]* tal-ispizerija. Dan il-fatt ikompli jitfa' dubju fuq il-veracita` tad-dokumenti prezentati mill-attrici ghax kif jistaqsi l-konvenut:

[19] Fol.313

*"kif inhu possibbli li xi hadd li ma jzommx accounts, kif jista' jasal ghal valur ta' stock?"*

**33.** Il-konvenut ikompli jissottometti li l-fatt li l-ewwel Qorti fissat sehem l-attrici mill-komunjoni fl-ammont ta' disghin elf Euro (€90,000) jfisser li l-assi tal-komunjoni, wara li jitnaqqas il-passiv tal-komunjoni, jammonta ghal valur net ta' mija u tmenin elf Euro (€180,000), liema ammont certament mhux sostnut mill-provi.

**34.** Inoltre, l-istokk fl-ispizerija ma kienx jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, stante li dan kien stokk li kienet forniet ommha lill-konvenut ghal-ispizerija. L-attrici stess tghid li *"it-total [indikat fil-prospett minnha ezebit] huwa maghmul minn affarijiet li ha u ma hallasx lil mama, ok?"*[20] Ghalhekk dan *se mai* huwa kreditu ta' ommha fil-konfront tal-komunjoni, liema kreditu ma jistax jigi deciz fil-gudizzju odjern li jirrigwardja biss il-partijiet, u l-pretenzjonijiet tal-omm fil-konfront tal-partijiet ghandhom jigu ezaminati f'gudizzju separat.

**35.** Dwar l-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut seraq flus mill-ispizerija qabel iz-zwieg, din hija gratwita' u ma tirrizultax provata, anzi hija mdghajjfa b'dak li

[20] Fol.317

qalet l-istess attrici fil-kontro-ezami li hi ma kinitx taf jekk ittiehdux proceduri kontrieh ghas-serq.[21]

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**36.** L-attrici tghid li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti kienu jikkonsistu fi stokk fl-ispizerija San Lucian, l-ghamara fid-dar konjugali, u vettura tal-ghamla Porsche li nxtrat fiz-zwieg, parzjalment bi tpartit tal-vettura Honda Civic proprjeta` parafernali tal-attrici. L-attrici tallega li dawn l-assi kollha tal-komunjoni nbieghu mill-konvenut bl-ghajnuna ta' missieru John Spiteri.

**<u>L-istokk fl-ispizerija San Lucian</u>**

**37.** Jirrizulta mill-provi li din l-ispizerija kienet tigi fornita principalment bil-medicini li omm l-attrici kienet tghaddi lill-konvenut mill-ispizerija taghha. Jidher ukoll li l-medicini kienu jinghataw bi kreditu, tant li eventwalment omm l-attrici kienet talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-partijiet sabiex ma jwellux il-hanut u ma jbighux l-iskokk li kien ghad fadal.

**38.** Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li l-proceduri odjerni mhumiex intizi sabiex omm l-attrici tiehu minghand il-partijiet, jew minghand il-konvenut, il-

[21] Fol.82 – seduta 23 April 2003

kreditu li hi tallega li ghandha fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti, izda l-vertenza in dizamina tirrigwardja biss l-ammont ta' stokk li kien ghad fadal fl-ispizerija meta din inghalqet, liema stokk allura jappartjeni liz-zewg partijiet f'ishma indaqs bhala sehemhom mill-komunjoni tal-akkwisti. Naturalment kull kreditu vantat minn omm l-attrici kontra l-komunjoni ghandu jigi deciz f'gudizzju separat, u f'kaz li jigi stabbilit li hemm dejn tal-komunjoni, allura dan ghandu jigi sopportat bejn il-partijiet fi kwoti ugwali.

**39.** Rigward l-ammont u l-valur tal-istokk ezistenti fiz-zmien li ntalbet il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mill-attrici, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm tirrizulta provata l-ezistenza ta' dan l-istokk f'dak il-perijodu, hemm dizgwid serju dwar l-ammont u l-valur tieghu. L-attrici ssostni li dan l-istokk jammonta ghal circa tletin elf Lira Maltija (Lm30,000), ommha, fl-affidavit taghha tghid li dan kien jammonta ghal madwar tmienja u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm28,000), filwaqt li fil-prospett prezentat mill-attrici l-valur, flimkien mal-*"extras"* huwa indikat fl-ammont komplessiv ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u wiehed Lira Maltija u tlieta u hamsin centezmi (Lm25,201.53).

**40.** Min-naha tieghu l-konvenut isostni li l-istokk li kien baqa' ma kienx jammonta ghal eluf u jghid li qatt ma kien hemm eluf f'valur ta' medicini stante li l-ispizerija kienet zghira u ma kienx hemm wisq spazju. Inoltre, jghid li l-istokk ma kienx igibu dejjem minghand omm l-attrici, izda parti minnu kien

igibu minghand l-agenti. Il-konvenut jallega wkoll li parti kbira mill-istokk li hu kien ha minghand omm l-attrici kien skadut u ghalhekk kellu jarmih.

**41.** Din il-Qorti tosserva li l-provi fir-rigward tant huma kontrastanti u insufficjenti li l-ewwel Qorti kellha ragun tghid li huwa difficli li tasal ghall-ammont preciz. F'dan is-sens, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti. Dak li ma taqbilx din il-Qorti hu li jinghata ammont kbir fissat *arbitrio boni viri* rapprezentanti l-valur ta' dan l-istokk. Din il-Qorti tikkunsidra relevanti s-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward.

**42.** Fis-seduta peritali tat-23 ta' April 2003 l-attrici in kontro-ezami kienet qalet *"Jiena ghandi rendikont ta' kemm oggetti hadna minghand ommi. Nipprometti li nezebihom fis-seduta li jmiss."*[22] Jidher pero` li ma kien minnu xejn li din kellha rendikont ta' dawn l-oggetti, ghax mill-imsemmija data meta hija allura ppromettiet li tesebixxi dawn ir-rendikonti sa kemm eventwalment esebiethom fis-seduta peritali tal-10 ta' Gunju 2008[23] ghaddew aktar minn hames [5] snin li matulhom thassru diversi seduti peress li l-attrici baqghet ma pprezentatx dawn id-dokumenti, u wkoll ghal uhud mis-seduti lanqas biss dehret sabiex jitkompla l-kontro-ezami taghha.[24]

---

[22] Fol.83
[23] Fol.210
[24] Fosthom dawk tal-14 Ottubru 2003, 24 Frar 2004, 14 April 2004, 19 Mejju 2004, 19 Jannar 2005, 26 April 2005, 19 Mejju 2005 u 22 Gunju 2005 [fols.86 sa 93]

**43.** In-nuqqas da parti tal-attrici li tipprezenta d-dokumenti li obbligat ruhha li tipprezenta fuq rikjesta tal-konvenut tant kien lampanti u tant kien ta' ostakolu ghall-prosegwiment tal-kawza li fit-30 ta' Gunju 2005[25], l-Assistenta Gudizzjarja, korrettament pprezentat nota fir-Registru tal-Qorti li permezz taghha informat lill-ewwel Qorti li fost is-seduti mizmuma minnha l-ahhar disa' seduti ma setghux isiru. Din in-nota fil-parti relevanti taghha taqra hekk:

> "... f'dawn l-ahhar 9 seduti kellu jitkompla l-kontro-ezami tal-attrici. Illi f'diversi minn dawn is-seduti l-attrici ma attendietx jew jekk attendiet ma pprezentatx id-dokumenti li giet mitluba tipprezenta. Illi l-ahhar seduta saret fit-22 ta' Gunju 2005 liema seduta ma setghetx titkompla ghaliex l-attrici regghet ma attendietx ghas-seduta."

**44.** Eventwalment fl-10 ta' Gunju 2008, l-attrici pprezentat prospett indikanti l-medicini u l-valur taghhom li ommha kienet ssupplixxiet lill-ispizerija San Lucian fis-snin 1992 sa 1995. Dan il-prospett, li anness mieghu hemm *breakdown* tal-medicini u l-valur taghhom, jaqra hekk:

<u>San Lucian Pharmacy Stock</u>

| | |
|---|---|
| Opening Stock | LM 7,390.78 |
| 1992 | LM 6,821.09[26] |
| 1993 | LM 5,810.61 |
| 1994 | LM 2,841.56 |
| 1995 | LM 934.49 |

[25] Fol.96
[26] Fis-seduta sussegwenti dan l-ammont gie sostitwit bl-ammont ta' LM6,197.70 [fol.326]

| | |
|---|---|
| Extras[27] | LM1,403.00 |
| **Total** | **LM25,201.53** |

**45.** Fuq dawn id-dokumenti l-attrici qed tippretendi li l-kreditu li ghandha ommha rapprezentanti valur ta' medicini li l-konvenut kien jiehu minghandha biex iforni l-ispizerija tal-partjiiet, jammonta ghat-total fuq indikat. Din il-Qorti pero` tirravviza lakuna serja f'din il-prova dokumentali prezentata mill-attrici, konsistenti fil-fatt ammess mill-istess attrici li dan il-prospett u d-dokumenti annessi mieghu ma jurux il-bejgh li kien isir mill-ispizerija matul is-snin fuq indikati u li allura kellu jitnaqqas mill-imsemmija ammonti sabiex wiehed jasal ghall-valur tal-medicini li eventwalment baqghu fl-ispizerija meta din inghalqet.

**46.** L-attrici tghid li dan il-prospett waslu ghalih minn fuq *"il-karti"* li halla l-konvenut, u kienet hadmet fuqu hi u ommha, izda meta ntalbet biex taghti spjegazzjoni dwar l-ammonti hemm indikati hija ma kinitx taf tirrispondi, u talbet li tivverifika fis-seduta sussegwenti. L-attrici ma kinitx taf tati spjegazzjoni dwar l-ammont indikat hdejn l-partita "1992" u cioe` jekk dan kienx jirrapprezenta l-bilanc li kien fadal mill-*opening stock*, jew kienx jirrapprezenta stokk addizzjonali li kien ittiehed minghand ommha fl-istess sena. L-attrici baqghet ma tatx mistoqsija cara dwar dan il-kwezit, u dan minkejja li kienet inghatat izjed minn opportunita` wahda biex taghmel il-verifiki u tirrispondi din il-mistoqsija; izda hi llimitat ruhha ghat-twegiba li dawn l-

[27] L-attrici elenkat lista ta' spejjez li ma jirrizultax huma konnessi mal-ispizerija.

ammonti jirrapprezentaw il-valur tal-medicini li l-konvenut kien ha minghand ommha.

**47.** Inoltre, ghalkemm l-attrici tghid li l-prospett kienu rredigewh minn fuq *"karti"* li kien ghamel il-konvenut, ma giet prezentata ebda wahda minn dawn id-dokumenti. Ukoll ma ressqitx lil ommha bhala xhud biex tikkorrobora l-kontenut tal-prospett.

**48.** Rigward l-allegazzjoni attrici li ma kienx isir hafna bejgh mill-ispizerija San Lucian, din il-Qorti taraha wisq stramba li, minkejja li ma kienx isir bejgh, mill-prospett jidher li ghas-snin 1993 u 1994 ommha allegatament forniet l-ispizerija b'numru kbir ta' medicini li b'kollox jammontaw ghal valur sostanzjali. Ghax jekk ma kienx isir bejgh, allura ma kienx hemm il-htiega ta' aktar riforniment ta' medicini.

**49.** Il-konsiderazzjonijiet premessi, valutati fid-dawl tax-xhieda tal-konvenut li jghid li ma kienx hemm *"eluf"* f'valur ta' medicini, kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni li l-attrici naqset milli tipprova b'mod sodisfacenti dak allegat minnha u cioe` li meta nghalqet l-ispizerija San Lucian kien baqa' stokk fil-valur fuq indikat.

**50.** Huwa principju fundamentali tad-dritt procedurali li minn jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova ta' dak il-fatt, u l-fatt li dik il-prova ma tressqitx minhabba nuqqas tal-parti ma jintitolax lil dik il-parti tippretendi li l-Qorti tirrikorri ghall-'komputazzjoni' *arbitrio boni viri,* biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas taghha.

**51.** Fil-kaz in dizamina n-nuqqas tal-attrici u ta' ommha kien li dawn, ma kienux izommu *accounts* kif suppost. L-attrici tghid li lanqas biss kienu jipprezentaw il-formola tat-taxxa, dwar l-ispizerija San Lucian. Inoltre, meta l-hajja konjugali kienet iddeterjorat, u kien jirrizulta car li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet tkissret irrimedjabbilment, partikolarment tenut kont ta' dak allegat mill-attirici fil-kontro-ezami taghha li ghal xi zmien qabel ma l-konvenut telaq mid-dar konjugali huwa kien dahhal is-siehba tieghu tghix go kamra fid-dar matrimonjali, l-attrici kellha ghad-dispozizzjoni taghha l-mezzi provduti mill-ligi, bhal mandat ta' deskrizzjoni, sabiex tipprezerva s-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti.

**52.** Dwar x'gara mill-istokk rimanenti, il-partijiet jaghtu verzjonijiet kontrastanti. Anke l-verzjonijiet li tat l-attrici fir-rigward huma inkonsistenti. Fid-depozizzjoni taghha in kontro-ezami l-attrici tghid li l-konvenut kien ha *"l-affarijiet u <u>nahseb</u> li bieghhom."*[28] Izda f'depozizzjoni ulterjuri tghid illi l-konvenut u missieru *"marru go l-ispizeriji ta' San Gwann u tal-Mosta u bieghu*

[28] Fol.82 – sottolinear tal-Qorti

*l-istokk kemm setghu. Imbaghad ghamlu garage sale minn ta' Giorni fejn joqghodu."*[29] Id-domanda li timponi ruhha fir-rigward hija din: jekk kif stqarret l-attrici hi kienet taf b'dawn il-fatti li l-konvenut kien qed ibiegh proprjeta` tal-komunjoni tal-akkwisti, ghaliex naqset milli tiehu l-mizuri biex tipprezerva sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti? Mhux talli hekk, talli fuq mistoqsija tad-difensur tal-konvenut jekk hija kinitx marret ghal *garage sale* biex tara x'kien qed jinbiegh mill-konvenut, l-attrici irrispondiet biss *"Why should I go?"*[30] B'din ir-risposta taghha l-attrici turi li ma tantx kienet wisq interessata x'kien qed isir mis-sehem taghha fil-komunjoni tal-akkwisti, u dan l-attegjament ikompli jdghajjef dak allegat minhabba fir-rigward.

**53.** Min-naha tieghu l-konvenut jghid li meta kellu jaghlaq il-hanut, peress li l-awtoritajiet kompetenti kienu ordnawlu sabiex jaghmel hekk stante li hu ma kienx spizjar, fuq l-ixkafef ma kienx ghad hemm medicini. Missieru John Spiteri in kontro-ezami, spjega li peress li l-konvenut ma kienx qed ihallas lil sid il-kera tal-ispizerija, huwa beza' u ghalhekk l-istokk li kien fadal ittiehed fil-fond f'Hal Balzan li kien id-dar matrimonjali tal-partijiet u gie stivat hemm f'kamra. Huwa spjega li l-konvenut kien ghamel hekk sabiex l-attrici tbieghu *"ghax peress li dawn ghandhom aktar minn spizerija [il-familja tal-attrici] wahda, hu [il-konvenut] haseb li biex jghinuha ibighu huma"* izda jidher li l-attrici ma ghamlet xejn minn dan. Skont ix-xhieda in kontro-ezami ta' John Spiteri il-konvenut ma hax flus minnhom. Fi kliemu, *"xejn ma ha, ghadu*

[29] Fol.232
[30] Ibid.

*hemm s'issa, ghadu ghandi kollox expired, mhux sewwa."*[31] Fuq id-domanda espressa tad-difensur tal-attrici *"Ghadu ghandek?"* ix-xhud irrisponda *"Expired, kollu zammejtu."* Dan il-kontro-ezami sar fit-13 ta' April 2012, u mill-provi ma jirrizultax li l-attrici agixxiet fuq dak allegat minn John Spiteri, izda strahet fuq l-allegazzjoni taghha li tahseb li l-istokk inbiegh.

**54.** Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti meta fis-somma komputata minnha *arbitrio boni viri* dik il-Qorti inkludiet sehem l-attrici mir-rimanenti stokk. Din il-Qorti tosserva li l-kuntrast fil-provi tal-attrici fir-rigward, kif ukoll in-nuqqas lampanti da parti taghha li tistabbilixxi l-valur tal-imsemmi stokk li skont John Spiteri ghadu fid-dar Hal Balzan kellu jwassal lill-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni li l-attrici naqset milli tipprova l-ammont allegat minnha fir-rigward.

**55.** Ghaldaqstant din il-parti tal-ewwel aggravju tal-konvenut hija fondata.

**L-Ghamara fid-dar konjugali**

**56.** Anke f'dan ir-rigward il-provi tal-attrici huma skarsi ghall-ahhar u manifestament insodisfacenti.

[31] Fol.421

**57.** Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li kif ammess mill-attrici stess dawk l-affarijiet li kienu ghandhom u li skont hi kienu jappartjenu lil ommha, gew mehuda minn omm l-attrici meta l-konvenut kien imsiefer[32]. Barra minnhekk l-attrici ma prezentat ebda prova dwar il-konsistenza ta' din il-parti tal-komunjoni tal-akkwisti, izda pprezentat biss lista[33], mhux guramentata, li fiha elenkat l-oggetti parafernali taghha u dawk tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan ghamlitu permezz ta' nota prezentata minnha fil-11 ta' Gunju 2013, wara li kienet awtorizzatata tipprezenta xi dokumenti fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2013 meta l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza ghall-25 ta' Ottubru 2013.

**58.** Dan ifisser li mit-12 ta' Settembru 1996 li fiha kien gie pprezentat l-att tac-citazzjoni, l-attrici ma ressqet ebda prova fir-rigward, u kien biss wara l-gheluq tal-istadju tal-provi, u cioe` sbatax-il sena wara, li hi prezentat il-lista fuq indikata, u *di piu`* ma kkonfermatx il-lista bil-gurament. Din il-Qorti tosserva wkoll li l-fatt li l-konvenut ma giex Malta biex jigi kontro-ezaminat, ma jista' jkun ta' ebda suffragju ghall-attrici fir-rigward, stante l-lista tal-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kellha tigi prezentata minnha fl-istadju inizjali tal-proceduri u mhux sbatax-il sena wara u wkoll, sabiex titqies bhala prova ammissibbli, kellha tigi konfermata bil-gurament.

[32] Fol.42
[33] Foll.484 *et seq.*

**59.** Min-naha tal-konvenut, missieru John Spiteri fl-affidavit tieghu jikkonferma bil-gurament li, apparti mill-fatt li hu u martu ma kienux jiehdu kera minghand il-partijiet ghal-okkupazzjoni tal-fond taghhom, huma kienu taw lill-partijiet diversi oggetti tal-ghamara, fosthom is-*sitting room*, kcina gdida u kamra tas-sodda. Barra minn hekk l-istess xhud ikkonferma li meta hu u l-konvenut dahlu fil-post meta l-attrici ma kinitx hemm, il-konvenut ha biss hwejjeg li kienu tieghu.[34]

**60.** Din il-Qorti ssibha difficli hafna li taccetta bhala veritier dak li stqarret l-attrici, mhux bil-gurament, li ttiehdu diversi affarijiet mill-konvenut, meta mill-provi jirrizulta li wara li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali u siefer lejn il-Germanija hija baqghet ghal zmien qasir, sakemm twieldet it-tieni wild, tghix fl-istess fond. Fil-fehema tal-Qorti kellha zmien bizzejjed sabiex tipprezerva sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

**61.** Inoltre, lanqas biss indenjat ruhha tmur ghall-*garage sale* allegatament mizmum mill-konvenut, sabiex tara jekk l-oggetti li allegatament kien qed ibiegh il-konvenut kienux proprjeta` taghha wkoll.

**62.** Jigi osservat ukoll li, ghalkemm l-attrici fl-affidavit taghha tghid li l-konvenut seraq diversi affarijiet, fir-rapport li ghamlet lil pulizija tramite ittra

[34] Fol.146

legali[35] datata 21 ta' Awwissu 1996, hija ma ssemmix li sar serq, izda rrapportat biss li kien sar ir-reat ta' *ragion fattasi* meta l-konvenut sgassa il-bieb tad-dar matrimonjali, u ta' theddid fil-konfront taghha.

**63.** Tenut kont tal-premess, u b'mod partikolari n-nuqqas da parti tal-attrici li tressaq prova dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti fir-rigward, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti meta kkonkludiet *"li l-konvenut ha ghalih diversi oggetti u bieghhom".* Inoltre, in mankanza ta' provi sodisfacenti ta' x'kienu dawn l-oggetti u tal-valur taghhom ma kellu jigi fissat ebda ammont *arbitrio boni viri* fir-rigward.

**64.** Ghaldaqstant anke din il-parti tal-aggravju hija fondata.

**<u>Il-vetturi Porsche u Honda Civic</u>**

**65.** Mill-provi jirrizulta pacifiku li l-Honda Civic kienet tappartjeni lill-attrici bhala proprjeta` parafernali taghha. Matul iz-zwieg din il-karozza giet moghtija lil Micallef Car Centre bhala parti mill-prezz tal-karrozza Porsche mixtrija mill-konvenut. Godwin Micallef, rapprezentant tal-imsemmija ditta jghid li fil-fehema tieghu l-Honda Civic fiz-zmien tat-tpartit kienet tiswa circa elfejn, u

[35] Fol.43 – Kwerela sabiex il-pulizija tiehu passi kontra l-konvenut u missieru talli dawn sgassaw u dahlu fid-dar matrimonjali u aggredew lill-attrici, u dan minkejja li l-allura Sekond'Awla tal-Qorti Civili kienet awtorizzat lil attrici tabita fid-dar matrimonjali mat-tifla ad eskluzjoni tal-konvenut.

hames mitt Lira Maltija (Lm2,500). Min-naha tieghu l-konvenut jghid li l-Honda Civil f'dak iz-zmien kienet tiswa' tlett elef Lira Maltija (Lm3,000).

**66.** Rigward il-vettura Porsche l-istess xhud jghid li, peress l-konvenut kien waqa' lura fil-pagamenti, huwa kien ha l-vettura lura, u ghalhekk ma baqghetx tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

**67.** Ghalhekk il-pretenzjoni attrici dwar il-vettura Honda Civic hija gustifikata, u l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta' elf, mitejn u hamsin Lira Maltija (Lm1,250) [illum elfejn, disa' mija u tlettax-il Euro (€2,913)] bilanc dovut lilha wara li tnaqqas sehemha mid-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti rigward din il-vettura.

**68.** Ghaldaqstant it-tieni aggravju huwa gustifikat fis-sens li l-ammont dovut lill-attrici huwa ta' tlett elef, mija u sitta u erbghin Euro (€3,146) u mhux l-ammont ta' disghin elf Euro (€90,000).

*It-tielet aggravju*

**69.** Dan huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza fejn il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici bhala manteniment ghat-tifla minuri Gabrielle li ghandha sbatax-il sena s-somma mensili ta' tliet mija u ghoxrin Euro (€320), u jilmenta li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghal dan l-ammont la dabra ma kellhiex

quddiemha d-dhul tal-kontendenti. Ghalhekk dik il-Qorti ma kinitx fil-pozizzjoni li tistudja l-mezzi tal-konvenut u l-htigijiet tal-minuri.

**70.** Inoltre, il-Qorti skartat ukoll l-allegazzjoni tieghu li hu ma jahdimx, u li qed jigi mantnut fil-Germanja mis-siehba tieghu. Ghalhekk huwa fl-impossibilita` li jhallas il-manteniment ordnat mill-Qorti. Huwa jghid li l-ahhar li hadem kien fis-sena 1991 kif jirrizulta mid-dokument prezentat mill-ETC.[36]

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**71.** Fir-rigward din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet relevanti fit-trattazzjoni tal-ewwel aggravju, tghid li taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti, u li l-manteniment fissat minn dik il-Qorti jirrifletti l-htigijiet tal-minuri tenut kont tal-eta` taghha.

**72.** Rigward l-allegazzjoni li l-konvenut ma jahdimx u ghalhekk hu fl-impossibilita` li jhallas manteniment ghat-tifla minuri tieghu, jigi osservat li din l-allegazzjoni hija legalment insostenibbli, ghax huwa dejjem l-obbligu tal-endituri li jmantni lil ulied minuri tieghu, jew jikkontribwixxi ghal manteniment taghhom. Fil-kaz in dizamina, jirrizulta manifestament li qabel ma siefer lejn il-Germanja l-konvenut kien jahdem, u inoltre, ma giet allegata ebda kondizzjoni

[36] Fol.76

medika li timpedih milli jahdem bi qliegh. Ghalhekk l-oneru tal-konvenut li jhallas manteniment ghal minuri ghadu jissussisti legalment.

**73.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*Ir-raba' aggravju*

**74.** Dan hu dirett lejn il-kap tal-ispejjez li l-ewwel Qorti allokat lill-konvenut. Huwa jghid li kien hemm hafna tul fil-kawza kawzati mill-attrici. Inoltre, huwa kien ghamel diversi proposti biex jaslu ghal ftehim dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, izda l-proposti qatt ma ntlaqghu mill-attrici. Ghalhekk jghid li l-ispejjez ghandhom jigu allokati lill-attrici minhabba dilungar da parti taghha biex tressaq il-provi, u wkoll minhabba n-nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti taghha li jaslu ghal separazzjoni bonarja.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**75.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li ladarba l-konvenut instab unikament hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet, allura huwa ghandu jbati l-ispejjez gudizzjarji.

**76.** Fit-tieni lok tosserva li, il-fatt li l-attrici damet hafna snin tkaxkar sabiex tressaq il-provi taghha, m'ghandux jagevola lill-konvenut li min-naha tieghu naqas milli jattendi sabiex isirlu l-kontro-ezami fuq l-affidavitipprezentat minnu. Ukoll il-fatt li hu jirrisjedi l-Germanja fejn, skont missieru ma jahdimx, ma jistax jitqies bhala ostakolu validu sabiex dan jixhed, jew billi jigi Malta, jew billi tinstema' x-xhieda tieghu tramite *video conferencing*. Izda l-konvenut ma ghamel ebda talba fir-rigward lil Qorti, bir-rizultat li, ghalkemm l-ewwel Qorti fl-udjenzi tas-26 ta' Jannar 2013 u tas-26 ta' Marzu 2013 kienet ordnat lill-konvenut jidher ghas-seduta li kien imiss u jixhed kemm in kontro-ezami, kif ukoll dwar l-introjtu tieghu, dan naqas milli jidher bir-rizultat li fl-24 ta' Mejju 2013 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**77.** Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

**78.** Din il-Qorti pero` hi tal-fehema li dan il-kaz iddilunga hafna tort taz-zewg partjiet. Inizjalment il-kawza damet ma bdiet peress li l-konvenut ma kienx qed jigi notifikat sakemm fl-4 ta' Mejju 1999 missieru John Spiteri accetta l-bandi bhala kuratur biex jirrapprezenta lil konvenut assenti f'dawn il-proceduri. Fl-ahhar fazi tal-kawza, kien hemm dewmien ukoll da parti tal-konvenut meta dan naqas milli jobdi l-ordni tal-Qorti li jidher quddiemha biex jixhed, tant li dik il-Qorti, filwaqt li awtorizzat lill-attrici tipprezenta dokumenti, u filwaqt li awtorizzat lill-partijiet sabiex jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza.

**79.** Izda fil-fehema ta' din il-Qorti d-dewmien f'din il-kawza kien principalment kawzat mill-attrici li, wara li ressqet xi affidavi damet perjodu twil sabiex tipproduci d-dokumenti rikjesta minnha bir-rizultat li l-kontro-ezami dam zmien twil sabiex jigi konkluz. Il-Qorti taghmel referenza ghall-osservazzjonijiet fir-rigward maghmula minnha fil-konsiderazzjoni tal-aggravju relatat mal-istokk tal-ispizerija.

**80.** Din il-Qorti hi tal-fehema li dan in-nuqqas kemm tal-konvenut, u b'mod aktar gravi tal-attrici, sarraf f'telf ta' zmien u hela ta' hin ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja f'dan il-kaz, u ghalhekk ser timponi fuq il-partijiet spejjez addizzjonali.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-konvenut limitatament billi: tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' disghin elf Euro (€90,000), u minflok, tordnalu jhallas is-somma ta' elfejn disa' mija u tlettax-il Euro (€2,913) rapprezentanti dak dovut lilha dwar il-vettura Honda Civic; u tikkonferma s-sentenza ghal bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell jigu sopportati mill-partijiet inkwantu ghal kwart [$^{1}/_{4}$] mill-attrici, u r-rimanenti tliet kwarti [$^{3}/_{4}$] ikunu a karigu tal-konvenut.

Tordna li b’applikazzjoni tal-Paragrafu 10 Skeda A Kap. 12 il-partijiet ihallsu spejjez addizzjonali lir-Registratur fl-ammont ta’ tmien mitt Euro (€800) li sitt mija (€600) minnhom jithallsu mill-attrici waqt li l-kumplament jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------